

Sommarju għaċ-ċittadini

Proposta – Strateġija tal-UE għar-reġjun tal-Baħar Baltiku

IL-KWISTJONI.

- Il-biċċa l-kbira tar-reġjun tal-Baħar Baltiku jikkonsisti – iżda mhux esklussivament – f'pajjiżi tal-UE. **L-Iżvezja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja.**
- Qed iħabbat wiċċu ma' diversi theddid:
 - **periklu ekoloġiku** sostanzjali (tniġġis estensiv tal-baħar, nuqqas fl-istokkijiet tal-ħut, riskju ta' tixrid taż-żejt, tibdil klimatiku)
 - żbilanċ fl-iżvilupp **ekonomiku** li parzjalment jirriżulta min-nuqqas li jiġu sfruttati l-opportunitajiet offruti bl-aċċess għas-suq tal-UE kif ukoll in-nuqqas tal-intrapriża fil-kultura
 - limitazzjoni fit-**trasferiment tal-enerġija u n-netwerks tal-provvista** li mhumiex konnessi b'mod adegwat
 - nuqqasijiet fil-**konnesjonijiet tat-trasport**
 - nuqqasijiet fis-**sigurtà u s-sikurezza marittima.**

MIN SE JIBBENEFIKA U KIF?

- **in-nies tar-reġjun** – l-istrateġija ttejjeb ħafna aspetti mill-ħajja tagħhom ta' kuljum:
 - baħar aktar nadif (ambjentalment, għad-divertiment u l-benefiċċji lejn it-turiżmu)
 - sistemi ta' trasport aħjar
 - provvisti tal-enerġija aktar sikuri permezz ta' netwerks aħjar
 - negozji u ekonomiji aktar effiċjenti (jieħdu vantaġġ mill-integrazzjoni tar-reġjun fis-suq tal-UE)
 - traffiku marittimu aktar sigur.

X'SE JINBIDEL EŻATTAMENT?

- Din hija l-ewwel darba li l-UE għamlet proposti konkreti **immirati lejn il-pajjiżi kollha fir-reġjun tal-Baħar Baltiku.**
- Ġie identifikat sett ta' **15-il qasam ta' prijorità** għal azzjoni fis-snin li ġejjin. Dawn ikopru l-ambjent, l-ekonomija, it-trasport u sorsi tal-enerġiji kif ukoll is-sigurtà / sikurezza.
- **L-istituzzjonijiet tal-UE u l-gvernijiet** f'kull pajjiż, bl-għajjnuna tal-gruppi ta' interess rilevanti, **jaħdmu flimkien** fuq strateġija (deċiżjonijiet konġunti u azzjoni konġunta).

GĦALIEX HEMM BŻONN LI TITTIEĦED AZZJONI MILL-UE?

- Dawn l-isfidi jistgħu jiġu indirizzati biss permezz ta' **koordinazzjoni aħjar** bejn il-pajjiżi konċernati.
- **Fl-2004, tmienja mid-disa' pajjiżi li jmissu mal-Baħar Baltiku saru membri tal-UE.** Attwalment, l-iżvilupp tar-reġjun huwa aktar importanti minn qatt qabel għall-UE. Fl-istess waqt, l-adeżjoni mal-UE toffri aktar opportunitajiet lil dawn il-pajjiżi.
- Ħafna mill-**problemi jinsabu fl-oqsma tal-politika tal-UE.**

- L-UE hija **indipendenti b'awtorità rispettata**. Hija strateġika biex tiffaċilita l-kooperazzjoni fir-reġjun.
- L-UE hija diġà involuta ma' dan ir-reġjun permezz ta' programmi reġjonali għall-iżvilupp, għalhekk tista' **tipprovdi bosta opportunitajiet għall-kooperazzjoni. għal kollox**

META MISTENNIJA TIDĦOL FIS-SEĦĦ IL-PROPOSTA?

- **fi tmiem l-2009**
- **il-pjan ta' azzjoni** li jakkumpanja l-istrateġija se jiġi rivedut regolarment.

Aktar taqħrif